KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 0498

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 26 tas-6 ta' Lulju 2022 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________
Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**6. CROWD BARRIERS MADWAR IL-PARLAMENT**

**L-ONOR. DARREN CARABOTT jistaqsi lill-Ispeaker:** Jista' l-Ispeaker jgħid jekk għandux il-ħsieb illi jitneħħew il-crowd barriers li tpoġġew mad-dawra tal-binja tal-Parlament u ilhom hemm għal dawn l-aħħar tliet snin, liema barriers imorru kontra l-ħsieb artistiku tal-binja, u dan ukoll fid-dawl li sena ilu ġie ddikjarat mill-Ispeaker li se jsir xi forma ta' lqugħ ieħor, liema lqugħ baqa' qatt ma sar?

24.06.2022

**SPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi filwaqt li s-Sedja tapprezza ferm il-ħsieb artistiku tal-binja, is-Sedja hija daqstant konxja mir-responsabilità li hija għandha illi tara illi kemm is-sigurtà tal-Membri Parlamentari kif ukoll tal-binja jkollhom il-protezzjoni kollha dovuta.

Is-Sedja tħoss illi sakemm tinstab soluzzjoni permanenti għal dan, għandhom jibqgħu jintużaw crowd barriers li jiddelinjaw b'mod ċar iż-żona qrib il-binja li fiha tiltaqa' l-Kamra tad-Deputati u l-kumitati parlamentari, u li s-Sedja għandha l-obbligu li tħares.

Is-Sedja tixtieq tirrileva illi wara diskussjoni mas-servizzi tas-sigurtà tal-Parlament, fil-bidu ta' din il-Leġiżlatura tnaqqas b'mod konsiderevoli in-numru u l-firxa ta' dawn il-crowd barriers.